MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 248/2005

**A f'isimha poprio u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri X u Y.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi fit-3 ta' Lulju 1994 twieled tifel li jgib l-isem X, minn relazzjoni bejn l-attrici – A u l-konvenut – B (Dok. MM 1);

Illi A u B zzewgu fil-21 ta' Settembru 1994, u minn dan iz-zwieg, fil-25 ta' Mejju 1996, twieled tifel iehor li jgib l-isem Y (Dok. MM 2);

Illi minhabba adulterju, theddid, swat, ingurji gravi u diversi vizzji, fosthom it-tehid tad-droga u l-loghob tal-azzard *da parti* tal-konvenut, il-hajja konjugali ta' bejn il-kopja Omisis kienet saret impossibbli, tant li f'Settembru 1996, il-kopja Omisis sseperaw *de facto* u A (gia' Omisis) marret tghix lura ghand il-genituri taghha, biz-zewgt it-tfal minuri – X u Y;

Illi fl-1997, A gia' Omisis bdiet proceduri quddiem il-gja Sekond'Awla tal-Qorti Civili, ghas-separazzjoni ta' bejna u B Omisis, u permezz tad-digriet numru 579/97, dik il-Qorti awtorizzatha tipprocedi ulterjorament ghas-seperazzjoni personali, fil-waqt li fdat il-kura w il-kustodja taz-zewg ulied minuri f'idejn l-omm (Dok. MM 3);

Illi ghal nofs 1997, il-konvenut siefer minn Malta u baqa hekk msiefer – sa ftit zmien ilu – hlief ghal xi vakanza okkazzjonali lura Malta;

Illi f'Awissu tal-1998, A (gia' Omisis), bdiet proceduri quddiem it-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta sabiex iz-zwieg taghha ma' BJoseph Omisis jigi ddikjarat null minhabba f'nuqqasijiet *da parti* ta' B Omisis, u l-istess B Omisis ddikjara li tali nullita taz-zwieg ghandha semmai tigi ddikjarata minhabba f'nuqqasijiet *da parti* ta' martu – l-attrici;

Illi permezz tas-sentenza tieghu tad-29 ta' Novembru 2002, it-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta, ddikjara l-istess zwieg null u bla effett, ghal ragunijiet imputtabbli lill-istess B Omisis, u fil-11 t'Awissu 2003, it-

Tribunal Regjonali ta' Tieni Istanza fi hdan il-Konferenza Episkopali Maltija kkonferma l-istess decizjoni tal-Ewwel

Grad, u dan kif ikkonfermat mid-digriet ta’ ezekuttivita’ tal-istess Tribunal Regjonali ta’ Tieni Istanza (Dok. MM 4);

Illi permezz tad-digriet (Dok. MM 5) tal-Qorti tal-Appella tat-22 ta’ Jannar, 2004, l-istess Qorti tal-Appell laqghet it-talba tar-rikors tal-10 ta’ Novembru 2003 ta’ A gia Omisis sabiex ghall-effetti civili, jigi ddikjarat u rregistrat null iz-zwieg icelebrat fil-21 ta’ Settembru 1994 bejnha u B Omisis, u tali decizjoni giet debitament annotata fl-att taz-zwieg li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 1729/1994 (Dok. MM 6);

Illi l-konvenut ma weriex u ma hax interess sufficjenti fit-trobbija, fl-isvilupp, fis-sahha u fl-edukazzjoni ta’ uliedu minuri u dawn dejjem trabbew minn ommhom A minghajr l-ebda forma ta’ assistenza sia dik finanzjarja kif ukoll dik emozzjonali tal-missier – il-konvenut B Omisis;

Illi permezz tad-digriet numru 935/2005 tal-4 ta’ Lulju 2005, l-attrici A giet awtorizzata tipprocedi b’din il-kawza (Dok. MM 7);

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tafda f’idejn l-attrici A il-kura u kustodja legali tal-fuq imsemmija uliedhom minuri X u Y;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment xieraq skond il-ligi ghall-uliedhom minuri liema manteniment ghandu jigi mhallas direttament lill-attrici mill-istess konvenut u/jew minn kwalsijasi persuna ohra li tkun qed timpjegah minn zmien ghall-zmien, u dana bil-modalita’ ta’ jum, hin u lok li jigu ukoll iffissati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tal-llum.

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet qablu illi l-verbal imsemmi jigi konsolidat fis-sentenza.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi;

1. tilqa' l-ewwel talba, u tafda f'idejn l-attrici A il-kura u kustodja legali tal-minuri X u Y ahwa Omisis; b'dan illi l-konvenut ikollu access alternatament nhar ta' Hadd bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu (10:00am) u t-tmienja ta' fil-ghaxija (8:00pm) u l-Gimgha fis-sebgha ta' fil-ghaxija (7:00pm) sas-Sibt fil-ghodu, kif provdut fil-verbal.

2. tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment ta' Lm80 fix-xahar ghall-imsemmija minuri.

L-ispejjez ikunu ndaqs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------